**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 1004/97

Claudio Briffa

vs

Director of Education Department, Director of Works Department

Illum 19 ta' Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1990/1992 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promotion ghall-grad ta' Group C u fil-1987/1989 huwa inghata transfers vendikattivi.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi huwa kien ilu impjegat mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni mill-1979 u ilu fil-grad ta' Labourer minn dak iz-zmien. Qabel ma qala' l-ewwel transfer, jigifieri 1987, huwa kien jahdem l-iskola ta' Mqabba u kien jaghmel xoghol ta' Handyman.

Illi huwa hass, li meta nghata transfer ghal skola ta' l-Arti l-Belt, saret ingustizzja mieghu, ghax kemm kien dam l-Imqabba, huwa dejjem ghamel ix-xoghol tieghu bl-akbar serjeta` u efficjenza u qatt ma kellu rapporti hziena kontra tieghu.

Illi wara sena u nofs l-iskola ta' l-Arti, fejn hawn kien qieghed jahdem bhala purtinar, fl-1989 huwa nghata transfer ghal ebda raguni ta' xejn, ghall-iskola tal-Primary A, Hamrun. Hawnhekk huwa wkoll hass li saret ingustizzja mieghu, ghax biex imur ghax-xoghol kellu hafna boghod u ried jaqbad zewg karozzi tal-linja.

Fl-1990 kienet harget cirkulari mid-Dipartiment ta' l-Edukazjoni ghall-grad ta' Group C. Huwa applika u kien mitlub biex jattendi ghall-interview. Illi waqt l-interview irrisponda d-domandi kollha li sarulu tajjeb u ismu kien ippubblikat fost dawk li ghaddew, imma kien ikklassifikat fost ta' l-ahhar. Illi huwa hass li saret ingustizzja mieghu ghax kellu l-esperjenza u s-servizz daqs dawk li finalment saru jew aktar minnhom.

Illi fl-1992 kienet harget cirkolari mid-Dipartiment tal-Works ghall-gradi ta' Group B, C, u D. Illi huwa applika ghal Group C, u kien ukoll mitlub biex jattendi ghall-interview. Illi huwa anke din id-

darba rrisponda tajjeb ghad-domandi kollha li sarulu, imma l-promotion ma nghatatlux.

Illi huwa hass li regghet saret ingustizzja ohra mieghu minhabba l-fatt li huwa ghandu esperjenza vasta fuq ix-xoghol ta' Handyman u kapaci jaghmel kull bicca xoghol li jkun imqabbad jaghmel, ghax fil-fatt dik hija s-sengha tieghu, kif fil-fatt kien jaghmel meta d-dipartiment ta' l-Edukazzjoni kien ihaddmu bhala handyman.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li ssir gustizzja mieghu, u jinghata l-promotion ta' Group C kif ukoll jigi kkumpensat ghat-tbatija li ghadda minnha konsegwenza tat-transfers li nghata, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens ta' mhux aktar minn Lm5000.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tad-Direttur Generali ta’ l-Edukazzjoni li eccepixxa:

1. Illi r-regola ta' trasferiment fis-servizz pubbliku kienet dejjem skond l-ezigenzi tas-Servizz.

2. Illi, peress li r-rakkomandazzjonijiet ghal reklutagg isiru mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, din ghandha tigi kjamata fil-kawza, jekk tista' tkun hekk kjamata stante dak li hemm provdut fl-Artiklu 5 (3) (b) ta' l-Att VIII ta' l-1977.

3. Il-procedura kollha esegwita dwar is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal kariga msemmija hija din:

i. Fit-22 ta' Marzu 1990 harget is-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-postijiet fil-gruppi industrijali B, C, D fid-Dipartimenti li jaqghu taht il-Ministru ta' l-Edukazzjoni. ( ***dok A*** ).

ii. Illi r-rikorrent applika ghall-post ta' Handyman Grupp C.

iii. Illi r-rikorrent gie fis-27 post skond ir-rizultat finali ( ***dok B*** )

iv. Illi fis-27 ta' Marzu 1991 fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku gie approvat li l-ewwel erba' fl-ordni ta' mertu jigu mahtura fil-grad ta' Handyman Group C b'sehh mit-18 ta' Marzu 1991 ( ***dok C*** ).

Ghaldaqstant it-Tribunal gie mitlub li jichad it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra r-risposta tad-Direttur Generali tax-Xogholijiet li biha eccepixxa:

Illi r-rikorrent kien u ghadu impjegat tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni.

Illi hu kien applika ghal Sejha Numru 37/92 datata 5 ta' Mejju 1992.

Illi din is-sejha kienet harget mid-Dipartiment tax-Xogholijiet u r-rikorrent kien applika ghall-kariga ta' Handyman. Hu nghata n-numru 2597 bhala n-numru ta' referenza.

Illi din is-sejha kienet twaqqfet minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-Riforma fis-Settur u abbazi hadd ma attenda ghal xi forma ta' ntervista.

Ra l-lista tax-xhieda u dokumenti prezentati mir-rikorrent.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikkunsidra

Illi r-rikorrent pprezenta affidavit fejn semma illi fin-1979 kien ha l-*appointment* ta' Labourer u minn 1982 - 1987 hadem ta' handyman ukoll fl-iskola tal-Gvern. Semma li f'Awissu ta' 1987 gie moghti *transfer* biex mill-ghada jirrapporta fl-iskola ta' l-Arti l-Belt. Semma li qatt ma kellu lmenti dwar it-tip ta' xoghol tieghu u dejjem ghamlu sewwa. Zied li wara sena u nofs li kien jahdem hemm rega' gie trasferit ghall-iskola primarja tal-Hamrun, meta fl-iskola ta' l-Arti l-Belt meta kien wahdu purtinar ma baghtu lil hadd floku. Qal li l-iskola tal-Hamrun tant kien imdejjaq li mar hu stess biex jitlob transfer. Qal li wara ftit zmien laqghu t-talba tieghu u mar, trasferewh fl-iskola tal-Marsa bhala purtinar fejn ukoll ma kienx ghal qalbu u specjalment minhabba l-fatt li kellu s-sengha ta' mastrudaxxa u kien qed jaghmel xoghol ta' purtinar. Qal li dam tmien snin u nofs u problemi mal head master ma kellux. Fin-1990 hargu l-applications ghall-handyman u hu applika u baghtu ghalih biex jaghmel l-ezami. Hu ghadda izda gie l-ahhar minn dawk li ghaddew u b'kumbinazzjoni wkoll dawk li hadu l-promotion kien inzertaw kollha ta' twemmin politiku tal-gvern tal-gurnata.

In kontro-ezami accetta illi fil-fatt ma kienux saru interviews u ma kienx mar ghalihom. Hadd ma kien ha promotion wara f'dik ic-cirkulari. Dan dejjem b'riferibbilment ghall-applikazzjoni tan-1992. B'rifiribbilment ghall-promotion exercise tan-1990 ghal Group C mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni sostna li kien ghadda u kien gie is-27 wiehed, u is-26 ta' qablu mhux kollha kienu hadu l-kariga. L-ewwel erba' biss kienu saru u dan ma jafhomx u ma jista' jghid xejn fuqhom.

Emanuel Attard xehed li bejn in-1994 u n-1996 kien Acting Head ta' l-iskola tal-Imqabba. Dan semma li r-rikorrent kien handyman fl-iskola u x-xhud semma' li hu kien jahdem f'xi hames skejjel u sostna li r-rikorrent kien wiehed mill-ahjar jew l-ahjar handyman li qatt kellu. L-iskola ta' l-Imqabba kien hemm handyman wiehed, ir-rikorrent.

Mario Cacciattolo, Direttur tal-Finanzi u Amministrazzjoni fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni xehed u dan semma' li hija l-order of Merit li tiddeciedi liema huma n-nies li jsiru u ghalhekk mhux sufficjenti biss li persuna tkun ghaddiet izda jimtlew a bazi tal-vakanzi li jkun hemm. Ikun hemm vakanzi li f'dak il-livell ma jkunx hemm break down tal-marki.

Emanuel Cortis, Principal Officer mad-Dipartiment tax-Xogholijiet xehed dwar l-applikazzjoni 37/92 li dik fil-fatt kienet waqfet minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma tal-1992 tac-Civil. Ma kienu nfurmaw lil hadd li din twaqqfet.

**KONKLUZJONIJIET:**

Ghalhekk jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent huwa bbazat fur tlett aspetti u cioe' transfers, in-nuqqas ta' promozzjoni tan-1990 u n-nuqqas ta' promozzjoni tan-1992. Dwar in-nuqqas ta' promozzjoni tal-1990 irrizulta li fil-fatt ir-rikorrent kien ghadda pero' kien spicca fis-27 posizzjoni u ntaghzlu l-ewwel erba'. Ir-rikorrent stess semma' illi hu ma jafhomx lil dawn l-erba' u ma kellu xejn x'jista' jghid fuqhom. Ghalhekk it-Tribunal ma jistax isib li saret ingustizzja li r-rikorrent ma giex moghti l-kariga u giet moghtija lil

ohrajn. Kien jinkombi fuq ir-rikorrent stess illi jgib il-provi illi hu kellu kwalifiki, esperjenza jew seniority aktar minn dawk illi fil-fatt hadu l-hatra. Hawnhekk qeghdin fi stadju fejn jinkombi fuq ir-rikorrent li jaghmel tali provi.

Dwar il-promozzjoni tal-1992 jinghad illi fil-fatt din ic-cirkulari inizjali kienet giet irtirata in segwitu li kienet diehla r-riforma tas-Servizz Civili.

Illi dan it-Tribunal jaghmel referenza ghal dak li qal fil-kawza fl-ismijiet Alfred Zammit vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici deciza minn dan it-Tribunal fis-17 ta’ Marzu, 1999 fejn insibu:

“Paul Scicluna - Ufficjal Esekuttiv fil-Personnel Section Works Division…semma li “Dwar il-promozzjonijiet li kien applika ghalihom ir-rikorrent bejn l-1987 u 1995 nghid illi applika ghal sejha wahda biss li kienet cirkolari numru 38/92 datata 6 ta` Mejju tal-istess sena. Dwar ir-rizultat ta` din is-sejha ghandi nghid li l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd.

Din twaqqfet minhabba r-riforma fis-Settur Pubbliku li kienet sejra tigi attwata… Irrizulta wkoll li ghalkemm kienet harget applikazzjoni in segwitu tac-Cirkolari 38/92 li pero’ l-process kien twaqqaf minhabba li kienet diehla fis-sehh ir-riforma fis-Settur Pubbliku u ghaldaqstant ma sar hadd…

Illi minn dan kollu t-Tribunal ma jsib ebda ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha…Ma giex pruvat li saru xi nies ohra b'seniority anqas u bi kwalifiki anqas waqt li r-rikorrent ma sarx. Ir-rikorrent ma semma lil hadd li sar meta hu ma sarx. Ma irrizultat ebda distinzjoni, eskluzzjoni jew preferenza indebita. Lanqas il-fatt li c-Cirkolari giet irtirata ma tista' titqies hekk ghax fil-fatt din zgur li ma kinitx diretta kontra r-rikorrent in partikolari. Din kienet irtirata minhabba li kienet ser tidhol ir-riforma."

Ara f'dan is-sens ukoll David Burke vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 3/11/99 u Mario Spiteri vs Dipartiment tax-Xogholijiet Pubblici 9/11/99, u Genovese John vs Direttur Public Works Department 30/11/99.

Ghalhekk jilqa' l-eccezzjoni tal-intimat dwar il-promozzjonijiet tal-1992.

Jibqa' biss li t-Tribunal jezamina l-ilment tar-rikorrent dwar it-trasferimenti. Jinghad li fil-fatt jirrizulta li r-rikorrent gie trasferit darbtejn u cioe' illi hu gie trasferit l-ewwel darba wara l-elezzjoni tal-1987 f'Awissu, fejn gie trasferit ghall-iskola tal-Belt bhala purtinar fejn qabel kien jahdem bhala handyman. Wara sena u nofs kien gie trasferit ghall-iskola Primarja tal-Hamrun. Mill-iskola tal-Hamrun kien ir-rikorrent stess illi talab it-trasferiment u t-talba tieghu giet milqghuha u gie trasferit ghall-iskola tal-Marsa.

Illi ghalhekk it-Tribunal ma jsibx li l-ilment tar-rikorrent huwa gustifikat minhabba l-fatt illi n-numru ta’ transfers kien wiehed limitat hafna u cioe` darbtejn u fil-fehma ta’ dan it-Tribunal ma jammontax ghall-ingustizzja fit-termini ta’ l-Att VIII tal-1997. Ghal dawn il-motivi it-Tribunal jilqa’ l-eccezzjonijiet ta’ l-intimati minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.